Office of the Commissioner
for Animal Welfare

# Rapport dwar iż-Żamma ta' Debba f'Razzett limiti ta' Lambert, ix-Xewkija Għawdex, mis-Sur Carmel Saliba, u kif svolġiet l-ispezzjoni

It-23 ta' Marzu 2016

**Fil-21 ta' Jannar 2016** daħlet telefonata għand id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali mingħand persuna. Din il-persuna allegat li hemm żamma ħażina ta' debba f'razzett fil-limiti ta' Lambert, ix-Xewkija Għawdex. It-telefonata saret ukoll lill-Uffiċċjal f'Għawdex, lis-sinjura Heidi Grech. Min-naħa tagħha, Heidi tieħu ħsieb taqdi xi dmirijiet fis-salvataġġ t'annimali li jittajru fit-toroq Għawdxin, iżda meta jkollha xi rapport bħal dan, fejn ikun meħtieġ issir spezzjoni uffiċjali, ikun hemm bżonn illi tinforma lid-Direttorat f'Malta. Meta kellimtha dwar dan, hija qaltli li dakinhar tal-21 ta' Jannar 2016 infurmat lid-Direttorat sabiex issir spezzjoni billi jintbagħtu uffiċjali minn Malta filwaqt illi hija tassistihom.

**Fl-1 ta' Frar 2016** ċerta Persuna "X" bagħtet ittra elettronika lis-Sinjura Heidi Grech, l-Uffiċjal ta' Għawdex. Din il-Persuna "X" kitbet illi qed tagħmel rapport uffiċjali dwar iż-żamma ħażina tal-imsemmija debba kannella ġewwa razzett f'ta' Lambert, ix-Xewkija Għawdex, li huwa propjetà tas-sur Carmel Saliba. **Fid-29 ta' Frar 2016,** Listess Persuna "X" reġgħet bagħtitilha ittra elettronika oħra, fejn din kitbitilha li hija għadha bla risposta ta' xejn. Barra minn hekk, hija staqsiet, "**għaliex tali proċess qed jieħu daqshekk fit-tul biex issir spezzjoni fuq annimal li qed isofri**"? Fir-risposta li ntbagħtet dakinhar stess, is-Sinjura Grech infurmatha li hija bagħtet l-ittra elettronika tagħha lill-awtoritajiet f'Malta sabiex issir tali spezzjoni minnhom.

**Fis-16 ta' Frar 2016**, jiena Emanuel Buhagiar bħala l-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali rċivejt telefonata mingħand persuna "Y". Din il-Persuna "Y" qaltli li hija qed tagħmel dan ir-rapport għan-nom ta' oħrajn fejn ukoll qalet illi kien sar rapport xi ġimgħat qabel lid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali rigward dan il-każ imsemmi, u kien għadu ma sar xejn fuqu. Ir-risposta tiegħi kienet li dakinhar stess se nibgħat ittra elettronika lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, is-Sur Lawrence Buhagiar sabiex jieħu l-passi neċessarji. Ftit ħin wara ltaqa' miegħi raġel, li min-naħa tiegħu wkoll, għamilli rapport dwar dan il-każ. Min-naħa tiegħi, nhar is-16 ta' Frar 2016 bgħatt ittra elettronika dettaljata rigward dan l-ilment lid- Direttur Ġenerali Dr. Marica Gatt u lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, s- Sur Lawrence Buhagiar.

It-tweġiba tad-Direttur Ġenerali Dr. Marica Gatt, nhar is-16 ta' Frar 2016, kienet illi min-naħa tagħha ma daħlulhiex rapporti, filwaqt illi d-Direttur, is-Sur Lawrence



Commissioner for Animal Welfare Casa Leone 476, St.Joseph High Road St. Venera MALTA.SVR 1012.
Tel.23886320

Buhagiar qal illi dan ir-rapport kien daħal għandu u kien ġie segwit min-naħa tiegħu pero` qal illi jinħtieġ li ssir *follow up* mingħajr pre-avviż. Fl-ittra elettronika tat-18 ta' Frar 2016, id-Direttur Buhagiar ta struzzjonijiet lill-koordinatur tiegħu, is-Sur Dennis Sciberras biex jikkordina mat-taqsima tal-Veterinarji ħalli l-ġimgħa ta' wara tkun tista' ssir spezzjoni konġunta.

**Fit-3 ta' Marzu 2016** tela' minn Malta għal Għawdex, l-Uffiċjal għat-Trattament Xieraq tal-Annimali s-Sur Stephen Carabott, fejn flimkien mal-Assistent Prinċipal, is-Sinjura Heidi Grech, għamlu tali spezzjoni fuq il-post imsemmi, fejn kien hemm id-debba miżmuma. Fir-rapport konġunt illi għamlu ż-żewġ uffiċjali, intqal illi meta daħlu fl-imsemmi razzett sabu d-debba tiekol minn barmil li kien imwaħħal mal-ħajt. Meta staqsew lis-sid kemm qed jitmagħha għalf, huwa qalilhom illi kien jitmagħha tliet bwieqi kuljum. Rigward il-qagħda ta' kif kien ġisimha, kien jidher li kien aċċettabbli, tant illi kitbu hekk: ***Regarding the body score of the mare, this was found acceptable or of least concern***. Instab ukoll illi din id-debba ma kellhiex nagħal, iżda minkejja dan, dufrejha kienu jidhru aċċettabbli. L-istalla kienet adegwata għax kien fiha tnax-il pied u nofs wisa' b'għaxar piedi u nofs tul, b'għoli ta' ħdax-il pied.

L-art kienet b'ħamrija xotta b'xi ġebel fiha, iżda tiben ma kien hemm xejn. Barra kien hemm ukoll tinda adegwata sabiex id-debba tkun tista' tistkenn mill-elementi tat-temp, filwaqt li kien hemm barmil ilma fl-art ukoll. Is-Sur Saliba ħaseb illi d-debba kienet tqila, u ngħata l-parir mill-uffiċjali biex ikellem Veterinarju fuq hekk, billi din kellha sieq difettuża. Id-debba li kienet inġiebet mill-Isvezja mill-ewwel sid tagħha, kienet ingħatat lill-persuna oħra, billi din ma kinitx tajba aktar għall-ġiri, minħabba li kienet weġġgħet saqajha ta' wara. Meta s-Sur Carmel Saliba kien mistoqsi minni nhar il-21 ta' Marzu 2016 kemm kienet ilha għandu din id-debba, huwa wieġeb li kien ilha madwar tliet snin.

Fl-4 ta' Marzu 2016 marret għandu s-Sinjorina Korin Farrugia mill-Għaqda Volontarja tal-R.M.J. fejn is-Sur Carmel Saliba ta din id-debba lilha biex tinżamm fis-santwarju taż-żwiemel tagħhom. Biex insegwi l-każ, nhar it-23 ta' Marzu 2016 ċempilt lil Korin li kkonfermat illi din id-debba tinsab għandha. Dakinhar stess marru jagħmlu spezzjoni fuqha ż-żewġ uffiċjali mill-uffiċċju tiegħi, s-Sur Ian Vella u s-Sur Christopher Bonnici, u innutaw illi din id-debba qiegħda tinżamm tajjeb ħafna. Sadanittant, fl-4 ta' Marzu 2016, is-Sinjura Heidi Grech infurmat lil persuna "X" b'posta elettronika li kienet saret l-ispezzjoni nhar it-3 ta'Marzu 2016. Is-sinjura Grech għarrfitha li meta saret din l-ispezzjoni, d-debba ma nstabitx ħażin kif kienet tidher fir-ritratt mibgħut minnha, imma żgur illi kien hemm kambjament fiż-żamma tagħha. Hija kompliet tgħid illi kemm l-istalla kif ukoll il-*paddock* huma ta' qies tajjeb u d-debba nstabet tiekol waqt il-ħin tal- ispezzjoni. Hija kompliet tgħid li spezzjonijiet oħra se jsiru wkoll mid-Dipartiment tal-Veterinarji kif meħtieġ.

Fl-4 ta' Marzu 2016 irrispondiet l-ittra elettronika l-persuna "X" li qalet illi l-ħbieb tagħha kienu ilhom jitimgħu lid-debba biex issostni lilha nfisha mill-kesħa tax-



Commissioner for Animal Welfare Casa Leone 476, St.Joseph High Road St. Venera MALTA.SVR 1012.
Tel.23886320

xitwa, għax setgħet mietet, fid-dawl illi kien hemm ħafna dewmien biex issir l-ispezzjoni. Kompliet tgħid illi d-debba ġiet ftit 'il quddiem u rpiljat ftit għax temgħuha l-ħbieb tagħha, billi s-sid kien idum ma jidher fil-post għal bosta ġranet.

---

## Ir-Rapport tal-Investigazzjoni

Ir-rapporti dwar l-allegat żamma ħażina tad-debba jidher li daħlu fid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali fil-21 ta' Jannar 2016, fl-1 ta' Frar 2016 u fis-16 ta' Frar 2016 meta wara dawn id-dati saret spezzjoni fl-imsemmi razzett nhar it-3 ta' Marzu 2016, għalhekk **42 ġurnata wara l-ewwel rapport**. L-ispezzjoni saret minn uffiċċjal għat-Trattament Xieraq tal-Annimali, iżda Veterinarju, għal xi raġuni jew oħra ma attendiex. Hawnhekk, jidher li minkejja li kien sar xi ftehim intern bejn id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u dak tal-Veterinarji biex meta jkun hemm spezzjonijiet fuq żwiemel imur ukoll Veterinarju, dan jirriżulta li kien assenti.

Waqt din l-ispezzjoni rriżultaw xi nuqqasijiet fiż-żamma tad-debba minn sidha, fosthom nuqqas ta' tiben għall-friex u minn kif kien jidher fl-ewwel ritratt li ntbagħat minn persuna "X" b'ittra elettronika lis-sinjura Heidi Grech, għalkemm ma nistax ngħid meta dan **ittieħed,** iżda d-debba kienet tidher ftit magħluba. Lili rriżultali wkoll illi sidha għamel xi żmien marid u għalhekk din id-debba seta' ma kellhiex ikel biżżejjed biex tixba'. Ħadd ma jista' jeskludi li din ġiet mitmugħa minn diversi nies f'dawk iċ-ċirkustanzi. Fl-4 ta' Marzu 2016, din id-debba ngħatat mis-sur Carmel Saliba lis-Sinjorina Korin Farrugia, li din, meta għamilt kuntatt magħha bit-telefown fit-23 ta' Marzu 2016 u staqsejtha f'liema stat ta' saħħa kienet meta ħaditha hi l-għada tal-ispezzjoni, jiġifieri fl-4 ta' Marzu 2016, Korin qaltli li kienet **instabet fi stat raġonevoli.**

## Konklużjoni

**Osservazzjonijiet, Suġġerimenti u Rakkomandazzjonijiet sabiex jittieħdu inkonsiderazzjoni biex l-annimali jiġu trattati kif jixraq u skont il-liġijiet.**

Huwa minnu li x-xogħol tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali kiber ħafna, imma bla dubju jidher, li biex saret din l-ispezzjoni li ħadet 42 ġurnata mill-ewwel rapport li sar, żgur illi ma jistax ikun aċċettabbli. Forsi b'koordinazzjoni aħjar, l-affari setgħet saret b'mod iktar faċli billi jsir kuntatt mal-Veterinarju għal Għawdex Dr. Frank Galea bl-assistenza tas-Sinjura Heidi Grech, jew Pulizija jekk ikun il-każ, kif wara kollox ġieli sar f'okkażjonijiet oħra. Veterinarju kien min kien huwa professjonista, u ż-żamma tajba jew ħażina kapaċi jagħrafha. Huwa osservat li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar sar hawn kuxjenza favur id-drittijiet tal-

annimali, u f'Malta għandna nkunu sodisfatti b'dan, għax ifisser li ftit ftit, bil-programmi diversi, tagħlim fl-iskejjel u promozzjonijiet oħra, l-għan f'dan ir-rigward qed jintlaħaq, u l-pubbliku sar għandu fiduċja fid-Direttorati billi jirraporta tali moħqrija. Mhux kompitu tiegħi li nidħol fl-operat ta' xi Direttorat, imma kulħadd jaf li jekk ma jkunx hemm dik ir-rieda u ħeġġa kif suppost, l-ebda biċċa xogħol ma tista' ssir kif għandha ssir.

Emanuel Buhagiar
**Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali**